20. Il-plural ta' **razzett** huwa
a) razzetti
b) irzijzett
ċ) rziezett
d) rziezet.

21. Il-verb fis-sentenza **'Sakemm isir il-ħobż'** huwa
a) Sakemm
b) isir
ċ) il-
d) ħobż.

22. Iz-ziju Ġanni kien irabbi l-ħnieżer biex
a) ibigħhom u jaqla' l-flus
b) joqtolhom għall-ikel
ċ) ma jħallix ir-razzett vojt
d) jieħu gost jarahom jiġru fl-għalqa.

23. L-għerq tal-verb **nerġa'** huwa
a) N_R_Ġ
b) N_R_GĦ
ċ) N_R_Ġ_GĦ
d) R_Ġ_GĦ.

24. Immarka l-kelma li hija **verb bil-pronom mehmuż** minn dawn:
a) gergirli
b) idejhom
ċ) filati
d) tnejn.

25. Il-kelma Maltija li ġejja mit-Taljan hija
a) senter
b) għodwa
ċ) kaċċa
d) ħobż.

26. Il-kelma **mqajjel** hija
a) fil-plural
b) fis-singular
ċ) fil-kollettiv
d) fl-għadd imtenni.

27. Fl-aħħar tas-silta, l-awtur jistqarr li llum iħoss in-nuqqas
a) tal-ħajja sempliċi ta' qabel
b) tar-razzett u l-ħnieżer
ċ) ta' zijuh Ġanni
d) ta' belgħa te bil-lumi.

28. Kieku kelli nikteb **7 ħnieżer**, irrid niktibha
a) sebgħa ħnieżer
b) sebgħat ħnieżer
ċ) sebagħ ħnieżer
d) seba' ħnieżer.



29. Agħżel minn dawn t'ħawn taħt is-sentenza li **mhijiex tajba**:
a) L-awtur qed jikteb it-tifkiriet ta' meta kellu ħmistax-il sena
b) Ma jħobbx il-kaċċa
ċ) Huwa kien jiggosta l-ħnieżer jilagħbu fl-għalqa
d) Jiftakar li kienu jużaw id-demel tal-ħnieżer għall-għelieqi tagħhom.

30. Jekk minn **legali** nagħmlu **illegali**, minn **responsabbli** nagħmlu
a) irresponsabbli
b) iresponsabbli
ċ) irrespponsabli
d) irresponsabli.

**(15 x 2 marki = 30 marka)**

**Taqsima Ċ: Aqra s-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA (minn 31 sa 50) li jsegwu:**

Fis-sena 1943, l-qagħda fit-Tlitt Ibliet tjiebet mhux ħażin u żminijiet aħjar bdew jidhru fuq ix-xefaq. Għadd ta' nies ġew lura mill-irħula u min seta', sewwa xi kamra jew tnejn f'daru biex għal anqas ma jgħix iżjed ma' uliedu taħt l-art jew f'xi kamra żgħira li bena ħdejn il-bokka tax-xelter.. L-għadd ta' ajruplani li ħadu sehem f'attakki matul l-1943, ma kienx kbir u fuq it-Tlitt Ibliet ma ġewx ħafna bombi. Is-sireni daqqew 24 darba f'Jannar, 5 darbiet fi Frar u 8 darbiet f'Marzu.

Il-valur kaloristiku tad-dieta, minn ras għal ras, fi Frar '43 kien xi 2530 kaloriji għall-irġiel u 2060 kaloriji għan-nisa. Ir-razzjon u l-ikel komplew jitjiebu fix-xhur ta' wara.

Matul l-1943, grupp ta' fizzjali u suldati kellhom biċċa xogħol iebsa biex imewtu ħafna bombi li kienu ntefgħu qabel waqt il-"blitz" u ma ħadux. Dawn bdew jinsabu qalb bini mġarraf li kien mitluq u wkoll, waqt li għadd kbir ta' ħaddiema u suldati kienu jneħħu t-terrapien minn triqat imblukkati. Xi ħamsa fil-mija tal-bombi li ntefgħu ma kinux splodew. Kull fejn tħares kont tara krejters fejn waqgħu l-bombi. Fuq il-ħitan ta' xi swar għadhom jidhru sal-lum.

Fuq u madwar il-Port kellna għadd ta' 'baloons' kbar fis-sema, bżiezaq daqsiex mimlija bil-gass, li kienu jservu bħala difiża kontra l-ajruplani. L-għan tagħhom kien, li jekk ajruplan ta' l-għadu jolqot wieħed minnhom, kien minnufih jaqbad.

Is-Sibt, it-8 ta' Mejju, il-qniepen ta' Malta u Għawdex daqqew ferrieħa, meta l-qawwiet armati Ġermaniżi U Taljani ċedew fl-Afrika ta' fuq. L-ewwel żewġ qniepen li daqqew kienu dawk tal-kappella ta' Sant Anġlu u tal-knisja ta' San Lawrenz tal-Birgu. It-Tieni Gwerra Dinjija ntemmet għal kollox b'wiċċ il-ġid fl-1945.

***Charles J. Boffa – It-Tlitt Ibliet matul l-Aħħar Gwerra 1940 – 1944.***

31. Fis-sena 1943 kif kienet il-qagħda?
    a) tjiebet mhux ħażin
    b) tjiebet hekk u hekk
    ċ) tjiebet tajjeb ħafna
    d) tjiebet ftit.

32. L-awtur qal li żmenijiet aħjar bdew jidhru
    a) Fil-bogħod
    b) Fuq ix-xefaq
    ċ) Fl-Ewropa
    d) Fil-Mediterran.

33. Minn fejn ġew lura għadd ta' nies, skont l-awtur?
    a) l-ibliet
    b) l-irħula
    ċ) Minn barra
    d) Minn Kemmuna.

34. F'liema żmien tal-istorja ta' Malta seħħet din l-istorja?
    a) Żmien il-għaks
    b) Żmien l-aħħar gwerra
    ċ) Żmien l-Assedju
    d) Żmien il-Feniċi.



**TAQSIMA B: Aqra s-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA (minn 16 sa 30) li jsegwu:**

**IR-RAZZETT TAL-ĦNIEŻER**

Kważi kulħadd f'xi ħin jew ieħor għajjar lil xi ħadd bil-kunfidenza 'ħanżir' minħabba l-immġiba xejn sabiħa tiegħu jew tagħha. Imma sejrin imqarrqin, ħuti! Bħal kwalunkwè annimal ieħor, l-imġiba u l-mod kif jippreżenta ruħu l-ħanżir huwa skont l-ambjent li jgħix fih. Il-ħanżir huwa annimal nadif immens imma jekk jitrabba fil-magħluq u bil-ħmieġ madwaru, ovvja li sejjer jitħammeġ.

Kemm kelli, forsi xi ħmistax-il sena. Kellna razzett ta' familjet ix-xiħ, tan-nannu propja. Imma kienu ħaduh f'idejhom iz-zijiet. Iz-ziju Ġanni kien dilettant tal-ħnieżer u kien irabbi xi nofs tużżana biex isemminhom għal-laħam. Kien jorqod ir-razzett u kien hemm żewġ imqajjel li kellhom bieb baxx ta' xi ħames filati jagħti għal ġo għalqa fejn kienu joħorgu jirgħu u jitmiegħku mal-art.

Kont immur niġbor il-ħobż mingħand in-nies biex kull filgħodu mas-sebħ kont ngħallih fuq il-ħatab. Kemm kont inxommu jfuħ! Sakemm isir il-ħobż kont nintefa' bis-senter fid-dura nistenna xi biċċa kaċċa. U meta kienet tisbaħ għodwa bil-kaċċa kemm-il darba nsejtu l-ħobż! U xħin niftakar, erħilni nitlaq niġri biex nerġa' nħeġġeġ il-ġamar u nżid il-ħatab. Ġieli gergirli z-ziju imma dak kien bħax-xiħ, kalm u tal-paċenzja. Kemm demmilna raba' bid-demel tal-ħnieżer, jinten seba' pesti imma kien ta' kwalità! Konna nħalluh xi xhur jistrieħ u jissaffa sakemm ikun il-waqt li jitferrex. Kemm kilna laħam tajjeb minnhom! Kien żmien li ħafna nies kienu jrabbu xi tnejn għad-dar u jitimgħuhom mill-fdal tal-ikel li kien ikollhom. Sakemm faqqgħet il-marda fis-sebgħinijiet. Imbagħad sar illegali li trabbi xi wieħed.

Illum nimmissja t-trankwillità ta' dak iż-żmien, fejn b'belgħa te bil-lumi, kont immur nintefa' ġod-dura, niċċassa lejhom jilagħbu u jinqalbu ġol-għalqa.

(adattament ta' artiklu fil-paġna ta' facebook ta' Joseph Farrugia)

**Mistoqsijiet**

16. Il-frażi **'ħaduh f'idejhom'** kif użata fis-silta tfisser
    a) krewh lil ħaddieħor
    b) bdew jieħdu ħsiebu huma
    ċ) bigħuh lil ħaddieħor
    d) ħallewh mitluq.

17. Frażi li qiegħda fl-**istat kostrutt** hija
    a) żewġ imqajjel
    b) nħeġġeġ il-ġamar
    ċ) faqqgħet il-marda
    d) familjet ix-xiħ.

18. Kelma oħra li tfisser l-istess bħal **kmieni ħafna** hija
    a) mas-sebħ
    b) ovvja
    ċ) faqqgħet
    d) illegali.

19. L-awtur huwa tal-fehma li l-ħanżir iġib ruħu skont
    a) l-ikel li jiekol
    b) l-ambjent li jgħix fih
    ċ) in-nies li jrabbuh
    d) ir-razza li jkun ġej minnha.

13. Ma jidhirx li hemm komunikazzjoni qawwija bejn il-persuni. X'taħseb li kienet ir-raġuni?
    a) Ma jafdawx f'xulxin
    b) Ma setgħux jesprimu sewwa dak li kienu qed iħossu
    ċ) Riedu joqogħdu fil-kwiet
    d) Ma kinux jiftiehmu bejniethom.

14. Fis-silta jissemmew xi kuluri. Liema kulur minn dawn t'hawn taħt **ma jissemmiex**?
    a) l-aħdar
    b) il-griż
    ċ) l-abjad
    d) l-aħmar.

15. Jekk minn "għallem" tislet "tagħlima", allura minn "taqqab" tislet
    a) titqibha
    b) titqiba
    ċ) titqibiiet
    d) titqib.

**(15 x 2 marki = 30 marka)**



35. Skont l-awtur, f'liema xahar tal-1940 ġew l-aktar ajruplani tal-għadu?
    a) Jannar
    b) Frar
    ċ) Marzu
    d) April.

36. L-għadd ta' ajruplani li ħadu sehem f'attakki matul l-1943, kien
    a) Enormi
    b) Kbir
    ċ) Mhux kbir
    d) Żgħir.

37. X'qal l-awtur dwar in-numru ta' bombi li waqgħu fl-1943?
    a) Waqgħu numru kbir ta' bombi fuq it-Tlitt Ibliet
    b) Fuq it-Tlitt Ibliet ma waqgħux ħafna bombi
    ċ) Waqgħu xi waħda jew tnejn
    d) Waqgħu ħafna u ma splodewx.

38. Għaliex matul l-1943, grupp ta' fizzjali u suldati kellhom biċċa xogħol iebsa?
    a) Għaliex kellhom imewtu ħafna bombi
    b) Għaliex kellhom jisplodu ħafna bombi
    ċ) Għaliex kellhom jiġbru ħafna bombi
    d) Għaliex kellhom jisparaw fuq il-bombi.

39. Minn fejn ġew dawn il-bombi li l-fizzjali u s-suldati kellhom imewtu?
    a) dawn il-bombi ġew mill-Indja
    b) dawn il-bombi kienu rigali tal-għadu
    ċ) dawn il-bombi kienu intradmu matul l-Assedju l-kbir
    d) dawn il-bombi kienu ntefgħu qabel waqt il-"blitz" u ma ħadux.

40. X'kont tara kull fejn tħares fl-1943?
    a) Kull fejn tħares kont tara krejters fejn waqgħu l-bombi
    b) Kull fejn tħares kont tara djar ġodda
    ċ) Kull fejn tħares kont tara tfal jilagħbu l-ballun
    d) Kull fejn tħares kont tara karozzi ġodda u lussużi.

41. X'kellna fuq u madwar il-Port fl-1943?
    a) kellna numru ta' tajr tal-karti jittajru
    b) kellna għadd ta' 'baloons' kbar fis-sema
    ċ) kellna numru ta' ajruplani ġodda
    d) kellna għadd ta' għasafar tal-priża jittajru.

42. X'isejħilhom l-awtur dawn il-'baloons' fil-passaġġ ta' hawn fuq?
    a) 'bżieżaq kuluriti enormi'
    b) 'bżieżaq tal-lastiku forma ta' ajruplan'
    ċ) 'bżieżaq daqsiex mimlija bil-gass'
    d) 'bżieżaq bil-bandiera Amerikana fuqhom'.

43. Għal xiex kienu iservu dawn il-bżieżaq?
    a) Dawn il-bżieżaq kienu jservu bħala difiża kontra l-kanuni
    b) Dawn il-bżieżaq kienu jservu bħala difiża kontra l-ajruplani
    ċ) Dawn il-bżieżaq kienu jservu bħala difiża kontra l-vapuri
    d) Dawn il-bżieżaq kienu jservu bħala difiża kontra is-sottomarini.

44. X'kien l-għan ta' dawn il-'baloons'?
   a) L-għan tagħhom kien, li jekk ajruplan tal-għadu jolqot wieħed minnhom, kien minnufih jibda jsaffar
   b) L-għan tagħhom kien, li jekk ajruplan tal-għadu jolqot wieħed minnhom, kien minnufih jibda jżaqżaq
   c) L-għan tagħhom kien, li jekk ajruplan tal-għadu jolqot wieħed minnhom, kien minnufih jibda jkanta
   d) L-għan tagħhom kien, li jekk ajruplan tal-għadu jolqot wieħed minnhom, kien minnufih jaqbad.

45. X'ġara is-Sibt, it-8 ta' Mejju, 1943?
   a) il-qniepen ta' Malta u Għawdex daqqew ferrieħa
   b) Il-qniepen ta' Malta u Għawdex ma daqqewx
   ċ) Il-qniepen ta' Malta u Għawdex osservaw siegħa ta' silenzju
   d) Il-qniepen ta' Malta u Għawdex instemgħu minn Sqallija.

46. Għaliex il-qniepen ta' Malta u Għawdex daqqew ferrieħa nhar it-8 ta' Mejju?
   a) Għaliex il-qawwiet armati Ġermaniżi U Taljani kienu ċedew Fl-Afrika ta' fuq
   b) Għaliex kien daħal il-Convoy ta' Santa Marija
   ċ) Għaliex kienu sabu iż-żejt fil-Port il-Kbir
   d) Għaliex kienet waqfet il-gwerra.

47. Kemm kienu l-ewwel qniepen li daqqew?
   a) 3
   b) 7
   ċ) 2
   d) 5

48. Liema kienet l-ewwel kappella li daqqet?
   a) Il-kappella tal-Santa Marija ta' Qrejqċa
   b) Il-kappella ta' Sant' Anġlu
   ċ) Il-kappella ta' San Dimitri
   d) il- Kappella tal-Kappuċċini.

49. X'sehem kellha il-knisja ta' San Lawrenz tal-Birgu fid-daqq tal-qniepen?
   a) Kienet żanżnet sett qniepen għall-okkazzjoni
   b) Kienet bdiet iddoqq wara ħafna knejjes oħrajn
   ċ) Kienet l-unika knisja fl-inħawi li kellha sett qniepen
   d) Kienet l-ewwel waħda flimkien ma dik tal-kappela ta' Sant'Anġlu li bdiet iddoqq.

50. F'liema sena spiċċat għal kollox it-Tieni Gwerra Dinjija?
   a) 1943
   b) 1945
   ċ) 1948
   d) 1944

**(20 x 2 marki = 40 marka)**

**TMIEM**



5. X'kienet it-tieni tagħlima għal Lorenzo?
   a) Li s-sodda ma kinitx komda
   b) Li ma jafdax kif ġieb u laħaq
   ċ) Li s-saqaf ma kienx miżbugħ sewwa
   d) Li kien qiegħed max-xatt.

6. L-**oppost** ta' "issaħħar" huwa
   a) issebbaħ
   b) iddawwal
   ċ) iżżejjen
   d) tkexkex.

7. Ma' Stephen u Lorenzo kien hemm
   a) ftit nies oħra
   b) kien hemm tlieta oħra
   ċ) kien hemm tnejn oħra
   d) kien hemm wieħed ieħor biss.

8. Liema kelma hija nom bi **pronom mehmuż?**
   a) kliem
   b) sodod
   ċ) xofftu
   d) setgħa.

9. Nikteb ***żewġt*** itfal. Liema nikteb minn dawn?
   a) erbgħat itfal
   b) erbat itfal
   ċ) erbagħt itfal
   d) erba' tfal.

10. Minn dak li qrajt fis-silta t'hawn fuq agħżel **waħda** minn dawn li ġejjin:
   a) L-irġiel qed ibatu bin-nuqqas ta' rqad
   b) L-irġiel qed ibatu minn ġuħ klubi
   ċ) L-irġiel qed ibatu f'art barranija
   d) L-irġiel qed ibatu minn nuqqas ta' divertiment.

11. Mis-silta jidher li
   a) l-erbat iħbieb kienu fuq vaganza
   b) ma xtaqux jitilqu minn hemm
   ċ) Stephen kien diġà f'dak il-post qabel
   d) kienu tajjeb fejn kienu.

12. Waħda minn dawn t'hawn taħt **mhix korretta**. Liema?
   a) Stephen bi kliemu ma setax ifarraġ lil sħabu
   b) Ħadd ma seta' jorqod sewwa
   ċ) Il-baħar kien xi ħames mitt metru 'l hemm minn fejn kienu joqogħdu
   d) Kien għall-ħabta ta' tard filgħaxija.

**TAQSIMA A: Aqra s-silta sew u wara wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA (minn 1 sa 15) li jsegwu:**

Stephen ingħaqad magħhom fil-ħin tal-ikel. Dan ma deherx f'siktu wisq u l-ftit kliem li qal ma swew tal-ebda ġid għal sħabu. F'għajnejh kien hemm id-dmugħ li ma ħariġx għax xtaq ikun raġel. U gidem xofftu. Għalhekk imxew lejn kamrithom, għalqu ż-żewġt itwieqi u nxteħtu fuq is-sodod bit-tama li jagħlqu għajnejhom u jgerrxu ftit mill-ħsibijiet ħżiena. Lorenzo baqa' b'għajnejh miftuħin fuq is-saqaf abjad biex fuqu biż-żebgħa ħadra kiteb it-tieni tagħlima; li dawn in-nies jgħidu mod u tmur u ssib mod ieħor u għalhekk mhux ta' min jorbot fuqhom.

F'xi l-erbgħa ta' waranofsinhar ħarġu jimxu tul xatt il-baħar xi ħames mitt metru bogħod mid-dar tal-kumpanija. Il-mewġiet sbieħ fi trufhom mimlija ragħwa bajda deħlin lejn il-blat sewdieni taw dehra li ssaħħar. Ma' dawn daħal il-lewn ħamrani tax-xemx fl-aħħar sigħat tagħha. Kienu qasmu l-baħar. Dak li kien hemm jifridhom mill-art ħanina! U f'moħħhom l-erba' Maltin bdew ipoġġu t-tamiet tagħhom fuq dan il-ħsieb. Iżda wara ftit jiżloq u jintilef bħall-ilma li tela' fuq il-blat u ssaffa bil-mod lura sa ma ġiet mewġa oħra.

... Stephen beda miexi 'l quddiem. Qasmu t-triq ewlenija u qagħdu jistennew ma' grupp ta' nies min liebes bħalna – jiġifieri stil Ewropew u min b'qalziet jilħaq sal-irkoppa. Għal għajnejn Lorenzo u ż-żewġt iħbieb dan kien kollox ġdid. Stephen kien diġà qata' l-kurżità u ftit li xejn ta kas ta' dan il-kostum stramb. Fl-aħħar ġiet karozza u għabbiet tlieta min-nies. Imbagħad ġiet oħra u ħadd ma rikeb. Stephen qalilhom li dik kienet bil-għoli. It-tielet karozza kienet bħal tal-ewwel, bajda bl-isfar u l-erba' Maltin rikbu fuq wara flimkien ma' żewġ Għarab li rikbu quddiem.

*Meħuda minn **Erba' Snin**, ta' Francis Galea*

**Mistoqsijiet**

1. Immarka kelma oħra flok "tama"
   a) ħsieb
   b) ħolma
   ċ) speranza
   d) talba.

2. Stephen kien
   a) xalatur
   b) ma jagħti każ xejn
   ċ) paċpaċi
   d) bniedem sensittiv.

3. Liema frażi minn dawn tinsab fl-**istat kostrutt**?
   a) xatt il-baħar
   b) iż-żewġt itwieqi
   ċ) is-saqaf abjad
   d) mewġa oħra.

4. X'inhija l-**mamma** ta' "jibqagħlu"?
   a) Baqalu
   b) Baqa'
   ċ) Jibqa'
   d) Baqa.



PAĠNA VOJTA

**PAĠNA VOJTA**



DIPARTIMENT TAL-EŻAMIJIET

# EŻAMI GĦALL-INGAĠĠ TA' SULDATI FIL-FORZI ARMATI TA' MALTA

## 2021

**Ħin: 09:00 – 10:00 (Siegħa)**

**Struzzjonijiet lill-kandidati**

- **Dan l-eżami jikkonsisti minn TLIET taqsimiet: A, B u Ċ. Aqra sew kull silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA f'kull taqsima (hemm 50 mistoqsija b'kollox).**
- **Kull mistoqsija għandha erba' tweġibiet possibbli, imma WAĦDA biss hija korretta.**
- **Niżżel it-tweġibiet fuq l-*Answer Sheet* ipprovduta. Immarka BISS it-tweġiba t-tajba billi tuża l-lapes.**
  **eż. jekk tagħżel it-tweġiba C, imla ċ-ċirku t-tajjeb kif jidher hawn taħt.**

- **Kull mistoqsija fiha żewġ (2) marki.**

| 50. | Ⓐ Ⓑ ● Ⓓ |
|---|---|